# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 306 – It-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Mozzjonijiet
6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 305 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Direzzjoni tat-traffiku fi Triq Lapsi u Triq L-Imqabba**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna tweġiba mingħand Transport Malta

**2.2 Talba għall-ħaddiema tal-IPSL**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kienu għadu qed jistenna tweġiba. Huwa qal li se jerġa' jipprova jagħmel kuntatt maċ-*Chairman* tal-IPSL.

**2.3 Parking Spaces fi Triq is-VI ta' Diċembru**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-pjanti mħejjija mill-Perit tal-Kunsill: waħda turi l-kaxxi eżistenti tal-parkeġġ bi 18-il kaxxa bajda, 14-il kaxxa safra, u waħda tad-*disabled*. Il-proposta skont l-istandards maħruġa minn Transport Malta turi 14-il kaxxa bajda, 18-il kaxxa safra, kaxxa tad-*disabled* u waħda għall-mutur. B'hekk bil-proposta skont l-istandards ta' Transport Malta ser jonqsu erba' postijiet tal-parkeġġ.

Is-Sindku issuġġerixxa li kull Kunsillier għandu jfittex li jikkonsulta mar-residenti tat-triq qabel tittieħed deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

**2.4 Tneħħija ta' Road Hump minn Transport Malta fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Cutajar, Grech u Cassar jekk kienux għamlu kuntatt ma' Transport Malta dwar din il-materja skont kif maqbul fl-aħħar seduta. Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li Transport Malta qalulu li aħna nistgħu nagħmlu l-proposta tagħna.

Is-Sindku qal li f'dan l-istadju huwa kien qiegħed jipproponi li r-*road hump* għandha terġa' ssir fejn kienet. Il-Viċi Sindku issekondiet.

Is-Sindku talab il-vot tal-Kunsill dwar il-proposta mressqa minnu, u li wkoll li jitniżżlu l-ismijiet ta' kif kienu ser jivvutaw il-membri.

Voti favur: Dr Karol Aquilina; Dr Alessia Psaila Zammit; Julian Borg; Gillian Farrugia Pace.
Voti kontra: Clayton Cutajar; Dominic Grech; Nicholas Cassar.

**2.5 Festa tat-Tiġieġ**

Is-Sindku qal li l-organizatturi kienu qed jitolbu li jużaw l-istands u l-palk tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**2.6 Proġett tal-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-sejħiet għall-offerti marbutin ma' dan il-proġett. Huwa kompla jgħid li l-applikazzjoni mal-MEPA saret, u l-permess mistenni li joħroġ fil-bidu ta-sena d-dieħla. B'hekk ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet li mistennija li jieħdu ftit aktar minn 100 jum mill-bidu tagħhom.

Is-Sindku spjega li hu ippjanat ukoll li ssir laqgħa mar-residenti tal-madwar biex jitfissrilhom il-proġett.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Civil Works in connection with the rehabilitation of a playground including construction adn finishing of a public convenience – LCS 28/15**

Is-Sindku spjega l-aħħar verżjoni tal-pjanti mħejjija u ippropona li toħroġ din is-sejħa għall-offerti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unaninimu.

**4.2 Supply, installation and commissioning of playground equipment – LCS 29/15**

Is-Sindku spjega l-aħħar verżjoni tat-talbiet li qed isiru b'rabta ma' din is-sejħa għall-offerta u ippropona li din għandha toħroġ.
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3 Kuntratt tar-Road signs & Markings LCS 14/13**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fid-9 ta' Settembru kienet se tagħlaq it-tieni sena tal-imsemmi kuntratt.

Is-Sindku ippropona li dan għandu jiġi estiż għat-tielet sena tiegħu.
Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 MOZZJONIJIET

**5.1 Mozzjoni dwar Apparat għall-Arja ikkundizzjunata fiċ-Ċentru Ċiviku**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressaq mozzjoni li taqra:

"Qiegħed inressaq din il-mozzjoni fl-interess ta' dawk kollha li jiffrekwentaw il-bini tal-Kunsill Lokali tagħna, speċjalment għall-impjegati tal-Kunsill u għal dawk l-anzjani li jattendu d-*Day Centre*. Nista' ngħid li minkejja l-ammont kbir ta' fannijiet xorta tkun tinħass sħana kbira u nħoss li bħala kunsill għandna nagħmlu sforz sabiex din il-problema titranġa.

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 31 ta' Awwissu 2015:

"Jirriżolvi li nagħmlu l-isforzi kollha tagħna u nesploraw il-possibilitajiet kollha ta' fondi kemm dawk tal-Kunsill sabiex jintuzaw f'dan ir-rigward, kif ukoll dawk nazzjonali u anke tal-Unjoni Ewropea sabiex napplikaw għalihom u nkunu nistgħu ninstallaw *Air Conditioning System* jew *Climatised Controlled System* għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Din ghandha tkun prijorità."

Il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Clayton Cutajar.

Is-Sindku qal li kien se jressaq emenda għal din il-mozzjoni li taqra:

"jirriżolvi li minn issa jinkludi sistema ta' arja ikkundizzjunata fit-twettiq tat-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku inkluż, iżda mhux biss, li jagħmel talba f'dan is-sens li ssir applikazzjoni għall-fondi tal-UE."

Huwa qal li kien qed jagħmel din l-emenda peress li ma kienx jagħmel sens li ssir l-arja ikkundizzjunata biss fl-ewwel fażi tal-proġett u mhux issir sistema waħda kompleta għaż-żewġ fażijiet.

Is-Sindku irrimarka li l-proponent tal-mozzjoni m'għandux idea ta' kemm tiswa' l-proposta tiegħu u ma kienx jagħmilx sens li ssir proposta mingħajr ma qabel ikunu saru l-*costings* jekk mhux f'kuntest ta' proġett sħiħ b'rabta maċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sindku stieden biex ikun hemm sekondant għall-emenda.
Il-Kunsillier Julian borg issekonda.
Il-Kunsill għadda biex jieħu vot għall-emenda:
Voti favur: Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace.
Voti kontra: Nicholas Cassar, Dominic Grech, Clayton Cutajar.

L-emenda għaddiet.

Il-Kunsill għadda biex jieħu vot dwar il-mozzoni kif emendata:

Voti favur: Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace.
Voti kontra: Nicholas Cassar, Dominic Grech, Clayton Cutajar.

Is-Sindku iddikjara li l-mozzjoni kif emendata kienet għaddiet.

## 5.2 Mozzjoni dwar Pelican Lights fi Triq Dr Nikola Zammit

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ressaq mozzjoni li taqra:

"Qiegħed inressaq din il-mozzjoni sabiex il-Kunsill jibda l-proċess u nagħmlu talba lill-TM sabiex fl-akkwata tal-iskola Primarja San Injazju Siġġiewi, speċifikament man-naħa tat-triq Dr Nikola Zammit, tiġi installata *safety measure* sabiex jiffaċilitaw lin-nies jaqsmu t-triq. Billi din iz-zona fiha numru ta' ħwienet kif ukoll skola, ikun tajjeb u ta' serħan il-moħħ jekk jiġu installati *Pelican Lights*. Il-preżenza ta' numru ta' Road Humps bħala *traffic calming measure,* għalkemm tnaqqas il-veloċità tal-vetturi fit-triq, xorta ma tipprovdix lok sabiex in-nies jaqsmu din it-triq bla periklu.

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 31 ta' Awwissu 2015:

"Jirriżolvi li jibda l-proċess sabiex jiġu installati *Pelican Lights* fl-akkwata tal-iskola primarja San Injazju fit-triq Dr Nikola Zammit."

Il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Nicholas Cassar.

Mistoqsi mis-Sindku, il-Kunsillier Cutajar qal li din mhijiex marbuta mal-kwistjoni tat-tneħħija tar-*road hump*. Is-Sindku qal li jara bħala inkosistenza kbira li f'seduta xi ħadd jaqbel li titneħħa *road hump* imbagħad f'seduta ta' wara ssir proposta għal *pelican lights.*

Il-Kunsillier Julian Borg qal li jista' jagħti l-każ li *pelican lights* jistgħu joħolqu aktar periklu ġaladarba kienet tneħħiet ir-*road hump* fl-istess parti ta' Triq it-Tabib Nikol Zammit. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace kkonfermat dan l-argument apparti li ma jidhriliex li t-triq hija wiesa' biżżejjed li tinħtieġ *pelican lights*.

Il-Kunsillier Clayton qal li jidhirlu li dawn l-argumenti ma jreġux.

Is-Sindku ippropona li ssir din l-emenda:

"Jirriżolvi li wara li jkun intemm il-proċess marbut mat-talba diskussa fil-laqgħa tal-lum sabiex titwaħħal mil-ġdid ir-*road hump* li kien hemm fi Triq Dr Nikola Zammit, il-Kunsill għandu jipproċedi billi jitlob lil Transport Malta tindika kif l-aħjar li jsir *upgrading* tal-*Pedestrian Crossing* diġà eżistenti fl-istess triq."

Il-Viċi Sindku issekondat.

Il-Kunsill għadda biex jieħu vot għall-emenda:

Voti favur: Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace.

Voti kontra: Nicholas Cassar, Dominic Grech, Clayton Cutajar.

L-emenda għaddiet.

Il-Kunsill għadda biex jieħu vot dwar il-mozzoni kif emendata:
Voti favur: Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace.
Voti kontra: Nicholas Cassar, Dominic Grech, Clayton Cutajar.

Is-Sindku iddikjara li l-mozzjoni kif emendata għaddiet.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

**6.1 Proposti dwar Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li kien qed jagħmel dawn il-proposti li nġabru mingħand residenti jew nies oħrajn, minn laqgħat informali li kienu saru ma' Transport Malta, minn proposti oħrajn li kienu saru fil-passat, u minn laqgħa pubblika li kienet saret mar-residenti taz-zona ta' Kirċippu. Il-proposti huma:

i. **Speed camera**
Is-Sindku spjega li jidher li l-policy ta' Transport Malta hija li temporanjament ma jsirux aktar *speed cameras*. Madankollu huwa spjega li xorta waħda għandha ssir applikazzjoni. Bħala pożizzjoni, huwa propost li ssir qrib it-triq li tagħti għal Wied Xkora. Il-proposta wkoll hija li ssir two-way;

ii. **Roundabout fid-daħla tas-Siġġiewi**
Il-fatt li t-triq minn Ħaż-Żebbuġ għal Triq Mons. Mikiel Azzopardi hija dritta imma mwgħawġa, qed toħloq diversi diffikultajiet. Is-soluzzjoni hija li jitneħħew l-arranġamenti preżenti u tinħoloq roundabout.

iii. **Crash Barriers**
Li jsiru crash barriers f'numru ta' partijiet ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi u ċjoè fejn l-aktar huma perikolużi.

iv. **Triq Kircher**
Il-proposta tgħid li d-dħul għal Triq Kircher għandu jsir biss minn Triq Mons. Mikiel Azzoaprdi imma ma jsirx ħruġ għaliha minn Triq Ta' Brandin.

v. **Zebra crossing fit-tarf tas-Siġġiewi**
Transport Malta kienet diġà indikat il-pożizzjoni fejn din tista' ssir,

madankollu kien hemm oġġezzjoni mir-residenti. Is-Sindku ippropona li din għandha tkun deċiża minn TM.

vi. **Wesgħat il-Palazz**
Il-fatt li qed ikun hemm coaches ipparkjati f'din il-parti tat-triq qed toħloq ċertu diffikultà. Il-proposta hi li d-daħla minn ħdejn l-aktar viċin ta' Triq Kircher issir *one way*; il-parti quddiem il-ġnien tinżeba' b'mod li jkun indikat li ma jistax isir parkeġġ;

vii. **Sinjal tat-traffiku tan-nofs tat-triq**
Il-proposta hija li din tinbidel minn dotted white line għal continous white line għajr għall-entratura tat-toroq laterali.

Is-Sindku kompla jgħid li dawn iridu jiġu diskussi u approvati minn Transport Malta .

Barraminnhek jintbagħtu lir-residenti biex jagħtu l-*feeback* tagħhom, kif ukoll issir laqgħa ta' konsultazzjoni dwar dawn il-materji. Għal din il-laqgħa għandhom jattendu l-uffiċjali ta' TM.

Il-Perit Julian Borg issekonda l-proposti u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fid-9.00pm u ippropona li s-seduta li jmiss bin-numru 307 titlaqqa' **l-Erbgħa, 30 ta' Settembru fis-7.00pm.** Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2015**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 31/8/15-31/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | inland revenue | 2256.20 | 2256.20 | d | pf | cir - august15 | 15.9.15 | | | | | 10950 |
| 2 | natasha mizzi | 498.00 | 498.00 | k | pf | cleaning council premises aug15 | 30.8.15 | | | | 3055 | 10951 |
| 3 | natasha mizzi | 76.21 | 76.21 | k | pf | cleaning material receipts | 30.8.15 | | | | 2220 | 10951 |
| 4 | melita | 155.31 | 155.31 | d | pf | ta cwerra church august15 inv10551718 | 1.8.15 | 10551715 | | | 3111 | 10952 |
| 5 | e.cutajar | 200.00 | 200.00 | d | pf | drama course summer 15 5 students x 40 | 30.8.15 | | | | 3373 | 10953 |
| 6 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban august15 inv51 | 31.8.15 | 51 | | | 3052 | 10954 |
| 7 | foresight | 2929.30 | 2929.30 | t | pf | servizz ta' perit misc11015 lcs19/13 | 16.4.15 | 11015 | lcs19/13 | | 3130 | 10955 |
| 8 | d.grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses august15 | 31.8.15 | | | | 2760 | 10956 |
| 9 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses august15 | 31.8.15 | | | | 2760 | 10957 |
| 10 | carmelo sciberras | 950.00 | 950.00 | d | pf | setting up of microphone etc inv2 | 28.8.15 | | | | 2360 | 10958 |
| 11 | nvc | 245.00 | 245.00 | d | pf | operating materials inv5730 po76, 82,85,8 | 12.6.15 | 5730 | | 76-97 | 2210 | 10959 |
| 12 | twanny ironmongery | 160.15 | 160.15 | d | pf | operating material for festa gheneb inv239 | 23.8.15 | 239 | | | 2210 | 10960 |
| 13 | k.aquilina | 428.34 | 428.34 | d | pf | trophies kompetizzjoni inbid festa gheneb | 31.8.15 | | | | 3378 | 10961 |
| 14 | k.aquilina | 263.37 | 263.37 | d | pf | pixarprinting - poster and banner festa ghe | 10.8.15 | 478128/15 | | | 3378 | 10961 |
| 15 | carlos chircop | 30.00 | 30.00 | d | pf | refund first-aid 2 course rec16566 (pd to c | 26.8.15 | 16566 | | | 3373 | 10962 |
| 16 | ryan worley | 30.00 | 30.00 | d | pf | refund first-aid 2 course rec16317 | 26.8.15 | 16317 | | | 3373 | 10963 |
| 17 | shania falzon | 30.00 | 30.00 | d | pf | refund first-aid 2 course rec16544 (pd to c | 26.8.15 | 16544 | | | 3373 | 10964 |
| 18 | bdl | 85.07 | 85.07 | d | pf | books for crafts students inv258834 | 24.8.15 | 258834 | | | 3373 | 10965 |
| 19 | bdl | 37.51 | 37.51 | d | pf | book voucher for m.vassallo tutor mediev | 24.8.15 | 258836 | | | 3373 | 10965 |
| 20 | csd | 102.66 | 102.66 | d | pf | tissue dispenser and tissues berga inv5433 | 20.8.15 | 5433 | | | 2220 | 10966 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,533.29** | **€12,533.29** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,533.29** | **€12,533.29** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 306 tal-31/8/15**

Kunsillier

**Data: 31/8/15-31/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | colours of the rainbow | 15.00 | 15.00 | d | pf | funeral wreath dun pawl schembri inv149 | 31.7.15 | 14923 | | | 3180 | 10967 |
| 22 | guard & warden | 2783.40 | 2783.40 | d | pf | wardens muzew + festa invGS002207 | 30.6.15 | gs002207 | | | 3191 | 10968 |
| 23 | guard & warden | 1353.28 | 1353.28 | d | pf | ecowarden july15 InvGS2325 (to send re | 31.7.15 | gs2325 | | | 3191 | 10968 |
| 24 | go | 65.41 | 65.41 | d | pf | 21466000/21466036 july15 inv4469878 | 8.8.15 | 44698785 | | | 2160 | 10969 |
| 25 | go | 87.33 | 87.33 | d | pf | 21468874 july15 inv44698743 | 8.8.15 | 44698743 | | | 2160 | 10969 |
| 26 | go | 45.19 | 45.19 | d | pf | 21465799/21465805 july15 inv44698766 | 8.8.15 | 44698766 | | | 2160 | 10969 |
| 27 | go | 17.91 | 17.91 | d | pf | 21462946 july15 inv44698746 | 8.8.15 | 44698746 | | | 2160 | 10969 |
| 28 | secom | 63.80 | 63.80 | d | pf | servicing telephone network inv7142 | 12.8.15 | 7142 | | | 2360 | 10970 |
| 29 | amanda amaira | 591.00 | 591.00 | d | pf | zumba sessions june-august15 inv3 | 13.8.15 | 3 | | | 3373 | 10971 |
| 30 | ecopure | 25.50 | 25.50 | d | pf | water for dispenser inv613936 | 11.8.15 | 613936 | | | 2670 | 10972 |
| 31 | avantech | 5.50 | 5.50 | d | pf | toner photocopier tax only inv188718 | 4.8.15 | 188718 | | | 2620 | 10973 |
| 32 | vodafone | 62.40 | 62.40 | d | pf | 99491670 july15 inv4765394082015 | 1.8.15 | 4765394082015 | | | 2160 | 10974 |
| 33 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 July15 inv4765395082015 | 1.8.15 | 4765395082015 | | | 2160 | 10974 |
| 34 | ecb | 177.94 | 177.94 | d | pf | pitchers and wine glasses festa gheneb po | 11.8.15 | 102690 | | po92/15 | 3378 | 10975 |
| 35 | dalton's chauffeur | 375.00 | 375.00 | d | pf | transport grupp solidarjeta July15 | 6.8.15 | | | | 3363 | 10976 |
| 36 | smart office | 83.76 | 83.76 | d | pf | toner laser po91/15 inv26262 | 10.8.15 | 26262 | | po91/15 | 2620 | 10977 |
| 37 | smart office | 139.77 | 139.77 | d | pf | stationery po91/15 inv26221 | 10.8.15 | 26221 | | po91/15 | 2620 | 10977 |
| 38 | b.grima & sons | 4171.37 | 4171.37 | t | pf | traffic signs and markings lcs14/13 inv10 | 3.6.15 | 10005019 | lcs14/13 | | 2313 | 10979 |
| 39 | dept local govn | 75.00 | 75.00 | d | pf | publication of advert 19/8/15 tenders 22-25/15 | | 22-25/15 | | | 2940 | 10980 |
| 40 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping july15 inv30 | 1.8.15 | 30 | | | 3051 | 10981 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,002.99** | **€13,002.99** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,533.29** | **€12,533.29** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€25,536.28** | **€25,536.28** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 306 tal-31/8/15**

0

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 306**

**Data: 31/8/15-31/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | arms | 56.09 | 56.09 | d | pf | salvu borg olivier inv20770627 6/5/15-3/7 | 28.8.15 | 20770627 | | | 2130 | 10982 |
| 42 | gmm | 824.76 | 824.76 | t | pf | quarterly reports Oct-dec13 invbill0083 | | bill-0083 | | | 3160 | 10983 |
| 43 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack august15 inv5861 | 3.8.15 | 5861 | | | 3110 | 10985 |
| 44 | access point | 14.90 | 14.90 | d | pf | mini switch inv5885 | 12.8.15 | 5885 | | | 3110 | 10985 |
| 45 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack sept15 inv5956 | 1.9.15 | 5956 | | | 3110 | 10985 |
| 46 | elaine zarb giorgo | 10.69 | 10.69 | d | pf | items for crafts course rec provided | 3.7.15 | | | | 3371 | 10986 |
| 47 | elaine zarb giorgo | 720.00 | 720.00 | d | pf | tuition crafts course 24x30 | 31.8.15 | | | | 3373 | 10986 |
| 48 | daniel cutajar | 595.20 | 595.20 | t | pf | bulky refuse august15 inv32 lcs14/12 | 31.8.15 | 32 | lcs14/12 | | 3042 | 10987 |
| 49 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works august15 inv023 lcs1 | 31.8.15 | 23 | lcs17/13 | | 3120 | 10988 |
| 50 | nexos | 2485.19 | 2485.19 | t | pf | street lighting repairs inv2010862 | 19.8.15 | 2010862 | | | 2372 | 11021 |
| 51 | wasteserv | 2427.01 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/4/15-15/4/15 | 2.5.15 | 57040 | | | 3040 | 11022 |
| 52 | wasteserv | 2444.48 | 0.00 | d | pp | msw waste 16/4/15-30/4/15 | 15.5.15 | 57424 | | | 3040 | 11022 |
| 53 | wasteserv | 2416.18 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/5/15-15/5/15 | 1.6.15 | 57754 | | | 3040 | 11022 |
| 54 | wasteserv | 2430.78 | 0.00 | d | pp | msw waste 16/5/15-30/5/15 | 15.6.15 | 58078 | | | 3040 | 11022 |
| 55 | wasteserv | 2667.76 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/6/15-15/6/15 | 1.7.15 | 58392 | | | 3040 | 11022 |
| 56 | wasteserv | 2394.45 | 0.00 | d | pp | msw waste 16/5/15-29/6/15 | 15.7.15 | 58698 | | | 3040 | 11022 |
| 57 | wasteserv | 2628.09 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/7/15-15/7/15 | 1.8.15 | 59008 | | | 3040 | 11022 |
| 58 | wasteserv | 2565.79 | 0.00 | d | pp | msw waste 16/7/15-31/7/15 | 17.8.15 | 59229 | | | 3040 | 11022 |
| 59 | jb | 187.82 | 187.82 | d | pf | concrete to farmers inv123-15 anthony mi | 31.7.15 | 123-15 | | | 2312 | |
| 60 | gmm | 625.00 | 625.00 | t | pf | accountancy assistance inv bill-0090 | 11.5.15 | bill-0090 | | | 3160 | |
| | **Sub Total c/f** | **€26,933.79** | **€19,543.89** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€26,933.79** | **€19,543.89** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 306 tal-31/8/15**

0

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 306**

**Data: 31/8/15-31/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | tctc | 62.65 | 62.65 | d | pf | distribution leaflets ikids summer 2015 | | | | | 3371 | |
| 62 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban july15 inv31 lcs10/14 | 6.8.15 | 31 | lcs10/14 | | 3052 | |
| 63 | employees | 5309.01 | 5309.01 | d | pf | salaries - august15 | | | | | 0 | |
| 64 | k.aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria august15 | | | | | 1100 | |
| 65 | k.aquilina | 290.00 | 290.00 | d | pf | premjijiet kukkanja festa gheneb | 1.9.15 | | | | 3378 | |
| 66 | | | | | | | | | | | | |
| 67 | | | | | | | | | | | | |
| 68 | | | | | | | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,245.88** | **€10,245.88** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,245.88** | **€10,245.88** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 306 tal-31/8/15**

0

Kunsillier